**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

Il-Pulizija

(Spettur Jeffrey Scicluna)

Vs

Anthony Compagno (K.I. 063763 M)

Illum,

15 ta' Novembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Anthony Compagno** ta' 50 sena, iben Francis u il-mejta Mary xebba Gaffarena, mwieled il-Pieta' nhar l-10 ta' Jannar, 1963 u residenti "Coral Reef", nru. 136D, Triq il-Bahrija, Zabbar detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 063763 M.

1. Billi int akkuzat talli nhar is-06 ta' Settembru, 2014, ghal habta ta' 03:30 hrs mill-fond maghruf bhala "Fuel Depot" li jinstab sitwat gewwa Furjana ikkommettejt serq ta' 50 litru zejt tal-magni, liema serq huwa kwalifikat ***bil-hin u bil-valur*** li ma' jeccediex is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u disghin centezmu (€ 232.92c) u ghad-dannu ta' Malta Public Transport u/jew persuni ohra;

2. Talli f' dawn il-gzejjer xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b' kull mod li jkun indhalt biex tbiegh jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti annessi mat-tahrika inkluz ic-certifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-imputat.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2016 inqrat l-akkuza bil-gurament;

Il-Qorti diversament preseduta semghet ix-xhieda ta' Spt Carlos Cordina tal-5 ta' Mejju, 2016[1] li esebixxa Dok CC 1 dokument Malta Public Transport[2], Dok CC 2 dikjarazzjoni[3], Dok CC 3 stqarrija[4], Dok CC 4 zewgt ritratti[5], Dok CC5 dikjarazzjoni[6], Dok CC 6 dikjarazzjoni[7], Dok CC 7 dikarazzjoni[8]; ta' PS 90 Jeffrey Gerada li xehed fis-seduta tal-22 ta'

[1] Fol. 13-16
[2] Fol.17-20
[3] Fol. 21
[4] Fol. 22-27
[5] Fol. 28
[6] Fol.29-32
[7] Fol. 33-35
[8] Fol. 36-38

Marzu 2017[9]; ta' Condrad Pule' li xehed fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2017[10]; ta' Raymond Bajjada li xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017[11]; ta' George Baldacchino li xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017[12]; ta' Joseph Vella li xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017[13]; ta' Elton Debattista li xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017[14]; ta' Joseph Zerafa li pprezenta Dok JZ fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2017[15]; tal-imputat Anthony Compagno fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2023.

Rat li b' referenza ghax-xhieda tal-Spettur Carlos Cordina tal-5 ta' Mejju, 2016 u d-dokumenti ezebiti l-Qorti qed tammetti Dok CC5, Dok CC6, Dok. CC7 biss ghall-fini ta' kontroll f' kaz li x-xhieda jkunu dikjarati xhieda ostili.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2016 wara li sar l-ezami tal-imputat skont l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja. L-imputat wiegeb li mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat li fil-26 ta' Ottubru, 2016 l-ufficjal prosekutur ezebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2017.

[9] Fol. 44-49
[10] Fol. 51-57
[11] Fol. 58-74
[12] Fol.75-85
[13] Fol. 86-95
[14] Fol. 99-153
[15] Fol.105-109

Rat li fis-seduta tal-16 ta' April, 2019 il-Qorti innominat lil Dr Joseph Brincat, avukat tal-ghajnuna legali li jmissu t-turn illum.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2020 l-imputat iddikjara li jixtieq jixhed minghajr id-difensur tieghu. il-Qorti wissietu bil-konsegwenzi tal-agir tieghu, l-imputat f' dan l-istadju jaghzel li ma jixhidx. Il-Qorti tinnota li din hija t-tielet darba li l-imputat mhux assist.

Rat li fis-seduta tal-17 ta' Mejju, 2022 l-imputat deher assistit minn Dr Carmelo Mifsud Bonnici, l-Qort idifferiet il-kawza ghall-ahhar darba ghal-provi tad-difiza.

Rat li d-difiza ghalqet il-provi fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2023 wara li xehed l-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 261,267,270,279,280,281,334 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**

L-**Ispettur Carlos Cordina** xehed fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2016. Jixhed li huwa gie infurmat mill-kaz mill-Ufficjal Superjur tieghu wara li rcieva ittra minghand Transport Malta, fil-15 ta' Ottubru, 2014 fejn gie allegat li l-imputat Anthony Compagno fis-6 ta' Settembru, 2014 kellu fil-pussess tieghu zewgt jerry cans tal-kumpanija ( Dok CC 1, fol. 17-20).

L-ispettur jaghraf lil imputat fl-awla. Fit-18 ta' Ottubru, l-imputat gie infurmat sabiex jirrapporta fl-ufficju tieghu u ghamel hekk b' mod volontarju. Gie m' offri l-parir tal-avukat imma irrifjuta. Jikkonferma l-firma tieghu, tal-imputat tas-Surgent Jeffrey Gerada u PS 232 Mark Zammit fuq id-dikjarazzjoni ta' rifjuta tal-jedd ghal parir legali (Dok CC2 fol. 21). Meta gie mitkellem, Anthony Compagno ittiehidlu stqarrija, kkopera u rrisponda ghal mistoqsijiet, Anthony Compagno baqa' jinsisti li ma kellu xejn x' jaqsam. Baqa' jinsisti li dawn il-jerry cans, ma kienx jaf minn fejn gew, kif ukoll hu, baqa' jinsisti kif semghux gewwa l-Qorti li hu kien cempel lil Pulizija sabiex jinvestigaw dan is-serq. Qed jaghraf il-firma tieghu fuq l-istqarrija, ta' Anthony Compagno u tas-Surgent Jeffrey Gerada (Dok. CC 3, fol. 22-27).

Ix-xhud ipprezenta zewgt rittratti tal-jerrycans, fir-ritratti jihdru zewgt jerry cans gewwa l-istabiliment taghhom stess.

L-ispettur kellem ukoll lil Raymond Bajjada, Joseph Vella u George Baldacchino. Lit-tlieta li huma ttiehdidilhom dikjarazzjoni. Fuq id-dikjarazzjonijiet qed jaghraf il-firma tieghu, ta' dawn it-tlett persuni, ta' Jeffrey Bajjada u tas-Surgent. (Dok CC5, Dok. CC6 u Dok. CC7).

**PS 90 Jeffrey Gerada** xehed fis-seduta tal-22 ta' Marzu, 2017. Ix-xhud kien assista lil Spettur Carlos Cordina waqt l-investigazzjonijiet. Is-

suspetti fuq l-imputat waslu peress xi persuni, George Baldacchino, Raymond Bajjada u Joseph Vella kienu qalu li raw lil imputat jitfa' xi jerry cans fil-vettura Maruti hadra. L-imputat kien gie investigat, ghazel li jwiegeb ghad-domandi u ffirma dikjarazzjoni li ma jridx ikun assistit minn Avukat. Jikkonferma l-firma tieghu, tal-Ispettur Carlos Cordina u tal-imputat fuq l-istqarrija rilaxxata fit-18 ta' Ottubru, 2014. Jikkonferma ukoll il-firem fuq id-dikjarazzjoni ezebita a fol. 21. Jikkonferma l-firem fuq l-istqarrija rilaxxata minn Raymond Bajjada (fol. 29), Joseph Vella u George Baldacchino.

Jikkonferma li ha r-ritratti ezebiti ta' zewgt jerry cans elevati fuq il-post.

Jikkonferma li peress li waqt l-investigazzjoni kienu ssemmew xi cameras mill-imputat, ix-xhud kien mar fuq il-post u talab biex dawn jigu iccekjati. Fejn kienet ipparkjata l-cameras ma kienux jaqbdu l-vettura.

Fuq il-jerry cans li ha r-ritratti taghhom, kien rahom b' ghajnejh go kamra ta' Transport Malta stess u kienu jihdru mimlijin b' xi zejt jew fuel.

**Conrad Pule'** xehed fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2017. Jikkonferma d-dokument a fol. 17, l-ittra intbghatet meta kien fil-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Kumpanija Malta Public Transport li dak iz-zmien kienet kumpanija tal-Gvern. Hu rifera l-kaz li gie riferut lilu lill-Pulizija. Il-kaz ma dahalx fih personalment.

Il-kaz kien gie riferut lilu mill Manager tan-night shift, li kellu suspett li xi hadd kien ha xi affarijiet gol-karozza tieghu. Wara li ghamlu indagni huma u sabu zewgt jerry cans mimlijin zejt, propjeta' tal-kumpanija, effettivament propjeta' tal-Gvern.

Mhux qed jaghraf lil imputat Anthony Compagno fl-awla. Jista' jghid li mir-records jirrizulta li kien impjegat tal-kumpanija. L-imputat ma ghadux impjegat tal-kumpanija.

Mistoqsi dwar iz-zejt li kien hemm fil-jerry cans jirrispondi li dan kien zejt pero' ma jistax jghid x' zejt kien. Mistoqsi fuq il-valur jirrispondi li dan kien ftit. Il-jerry cans kienu ta' 25 il-litru l-wiehed, u allura fuq 50 litru wiehed qed jitkellem.

Mistoqsi fuq id-dokumenti ezebiti mill fol tmintax (18) sa fol. ghoxrin (20) jirrispondi li din tikkonsisti f' dokumenti li s-Sur Ray Bajjada, impjegat sal-lum, bghat lil Rachel Galea li kienet tiehu hsieb kazijiet ta' dixxiplina, fol. 19 huwa r-rapport tal-misconduct li sar minn Joseph Vella, u fol. 20 jikkonsisti fl-istatement li Raymond Bajada kien ghamel.

**Raymond Bajjada** xehed fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2017. Jahdem bhala night Manager tal-kumpanija Elsa, tat-Transport Malta. jikkonferma li r-rapport li jinstab a fol. 18 tal-process sar minnu. Dak in-nhar, li inzeta kienet lejliet il-Vittorja (07/09) kien gie avvicinat minn George Baldacchino kollega tieghu li qallu li raha l-imputat, li qed jaghraf fl-awla, jaghmel "attivita' mhux tas-soltu".

l-imputat kien jahdem bhala cleaner pero' kien jirripljesa r-ragel li jissejjah "top-up man" li xogholu kien li jaghti z-zejt u l-ilma lill-karozzi tal-Kumpanija. George Baldacchino irrapportalu li waqt li kien ghassa mal-buses tan-night shift raha lil imputat resaq bil-vann tal-kumpanija hdejn il-karozza tieghu u hatt xi affarijiet.

Ha azzjoni billi ghajjat lil Joseph Vella, mekkanik li jahdem mal-kumpanija, u marru fejn il-karozza tal-imputat. Minn barra raw li fuq wara

tal-karozza tal-imputat taht is-seats kien hemm zewgt boroz tal-plastic. Ma kienx jaf x' kien il-kontenut tal-boroz. Il-jerry cans ma rahomx.

Bghat ghal imputat li kien qed jaghmel xogholu f' area ohra tal-parking u talbu jigi l-ufficju. Kif gie l-ufficju ha l-mekkanik, Joe Vella, u resqu lejn il-karozza tal-imputat.

Jixhed "Hu haga kurjuza, l-karozza li kellu qabel is-Sur Compagno, ghax minn dak iz-zmien kien biddilha, ma kienx jipparkjaha kif kienet ipparkjata din. Kienet naqra weird. Ghax ahna nafu li l-karozza tieghu dejjem kienet tigri maghna. Fin-nahat, il-komun. U din il-karozza, dik il-gurnata partikolari, kienet imwarba f' parking ghalieh." Il-karozza kienet hadra, jekk mhux sejjer zball Maruti.

Talbu lil imputat jiftah il-karozza, hareg il-kontenut li kien gol-plastic bag li irrizulta li kien zejt tal-kumpanija, zejt tal-magna.

Qorti: imma kif taf li kien tal-Kumpanija?

Xhud: Ghax kelli l-mekkanik u ggheltu jifthu quddiem il-prezenza tas-Sur Compagno, u skuzi, dahhal subajh u ra li kien zejt."

Mistoqsi mill-Qorti kif kien jaf li z-zejt kien tal-kumpanija u mhux tieghu jirrispondi li xi sitt xhur qabel il-management kienu li kien qed isir serq. Kien ghajjat lil zewgt impjegati li jaghmlu x-xoghol tat-top ups, certu Brian Pizzuto u l-imputat li kien ir-replacement tieghu u qalilhom li kien gie ghal widnejh li kien qed jinsteraq iz-zejt u l-coolant. Kien wissiehom li l-konsegwenzi jekk ikun hemm serq kien li jitkeccew. It-tnejn li huma kienu cahdu.

Dak in-nhar li raw it-tankijiet George Baldacchino kien qal li rahom jinhattu minn gol-vann ghal gol-karozza.

Iz-zejt jinzamm, gewwa storage room, fejn il-bus washes. Kienet il-persuna li hija inkarigata li jiehu jiehu l-livell taz-zejt u l-fuel li kien gibidlu l-attenzjoni li kien hemm kwantita' ta' zejt u coolant nieqes.

l-imputat u Brian Pizzuto ghandom access ghal dan it-tip ta' zejt u coolant li tkun go kamra accessibbli ghal kulhadd. Il-post fejn jinzamm jinghalaq bil-lejl pero' mal-gurnata jkun miftuh. Jinghalaq bic-cwievet u bil-katnazz. Ic-cwievet jinzammu ghand ix-xhud biss.

l-imputat seta' jidhol ghax ried access biex jimla' t-tankijiet.

"huma jimlew tankijiet tat-twenty-five (25) liters. Ahna b' hekk inkunu nafu, fil-fatt fl-ahhar tal-gurnamta huma jkunu rendikont lili, ta' kien intuza zejt u kemm intuza coolant. Biex jiena l-figura nghaddiha lil Joseph Zerafa, u Joseph Zerafa, jkun jista' jaghmel il-measurements tieghu."

Il-jerry cans li instabu m' humiex tal-kumpanija pero' z-zejt huwa tal-kumpanija, huwa zejt tal-magni tal-karozza tal-linja.

Ix-xhud gie muri r-ritratti a fol. 28 u jikkonferma li huma z-zewgt tankijiet elevati minghand l-imputat. Jikkonferma d-dikjarazzjoni li ghamel u li tinstab a fol. 29 tal-process.

Izid li l-kaz sar mill-gate fejn hemm ic-check point il-gewwa. Hemm CCTVs imma ma jafx kemm huma effettivi.

Izid "Mr. Compagno, ha nghid kollox, kien ragel biezel, jahdem hafna u sal-lum jiddispjacini li kelli naghmel dak li ghamilt mieghu. Ghax he was such a good worker."

**George Baldacchino** xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017. Jahdem bhala night inspector, jahdem fid-depot tal-public transport tax-xarabanks tal-linja gewwa l-Floriana. Lil imputat jafu fuq ix-xoghol, kien jahdem maghhom d-Depot tal-Furjana. Xogholu kien jittopja t-tankijiet u jnaddaf.

Fuq l-kawza jghid li kien hareg jiccekja n-night service buses, lejliet festa fix-xahar ta' Settembru. Jixhed

Xhud: u kont hrigt niccekja biex nittawwlu ghal isfel, niccekjaw il-buses biex jiehdu d-diesel ghax kien hemm minnhom li jibqghu bla diesel u mbghad ix-xufier ta' filghodu ma jsibx il-fuel fit-trakk. Dak il-hin jigifieri dahal Compagno bil-vann, resaq lejn il-karozza tieghu u rajtu johrog zewg garbage bags, rajthom li kienu pezanti.

Pros: U x' hin kien dak il-hin?

Xhud: Kien bil-lejl. Kienu wara nofs il-lejl zgur. Xi siegha u nofs, is-saghtejn (01:30 – 2:00 am)

Pros: Imdawwal il-post jew mhux?

Xhud: Kien hemm dawl. Gharaftu lilu." [16]

. . .

Pros: Int x' rajt ezattament?

---

[16] Fol. 78

Xhud: Jien rajtu johrog zewg boroz.

Qorti: Taf fejn hadhom?

Xhud: Dahhalhom ghax resaq mal-karozza tieghu. Dahhalhom fil-karozza tieghu.

Qorti: Inti dak il-hin kellimtu?

Xhud: Le, ma stajtx ghax jien kont ftit il-boghod u kont mohhi nittawwal ghal isfel biex nara l-buses."[17]

Kellem lis-Sur Joe Vella, il-kollega tas-Sur Bajada u qallu b' dak li kien raha u wara halla kollox f' idejhom.

Dak in-nhar l-imputat kien night shift maghhom, fid-dipartiment ta' Ray Bajada.

Jikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu li tinstab a fol 36 et seq tal-process u jikkonferma li fiha dak kollu li xehed fuqu llum. Jiddikara li jaf bir-rapporti a fol. 18-20 tal-process, dawn hejjiehom Ray Bajjada.

**Joseph Vella**, xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2017. Jahdem bhala assistant engineer mal-Arriva u mat-Transport Malta. Jaghraf lil imputat fl-awla. Jafu ghax kien impjegat mal-Arriva fejn jahdem hu, ma kienx fis-sezzjoni tieghu.

Kien qed jaghmel bicca xoghol, il-Park and Ride gewwa l-Floriana u George Baldacchino . . . kienu ilhom jghidulna li z-zejt ma kienux qed jaqblu mieghu, jaghmlu audit filghaxija u kienu qed isibu n-nieqes. Meta z-zejt kien jintuza ghal karozzi kienu jiktbu. Bdew jahsbu hazin, li z-zejt

---

[17] Fol. 79

seta “jew jistghu jwaqqu, jew jinsteraq. Ghandek hafna fatturi x’ jista’ jigri. U kien cempilli George Baldacchino u qalli: “Ejja naqra sa hdejja.”[18]

George Baldacchino jahdem night supervisor, wara l-bank. Kien qed jaghmel mappa tat-trakkijiet ghal filghodu.

“Xhud: U dan cempilli u mort sa hdejh. U qalli: “Isma, rajt lil Toni Compagno, fetah il-bieba tal-vann. “Ghax dakinhar ma kellnix l-istess vann, ghax kien bil-hsara. Ghax is-soltu jkollna l-vann tal-kaxxa. U dak innhar kellna vannn bil-bieba slider, tigri, tefa’ l-vann ma’ dak u tefa’ zewg landi. Jiena ghajjat lil Raymond Bajada, ghax Raymond Bajada jigi fuqi.”[19]

Raymond Bajada ghajjat lil Tony Compagno. Dan gara fil-7 ta’ Settembru, ta’ tlett snin ilu.

Lil Compagno ghajtulu ghal xi tlieta u nofs (3:30 am), gaghlu jiftah il-bieba tal-karozza tieghu, Maruti hadra. Sabu zewg jerry cans mlibbsin zewg garbage bags. Il-garbage bags kienu suwed u l-jerry cans kienu sofor. Ma kienux tal-kumpanija, ghaliex il-jerry cans tal-kumpanija huma bojod.

Fil-landed kien hemm engine oil, jaf ghax kellu l-ingwanti u dahhal subajh fih u rrizulta li kien zejt.

Jikkonferma li r-ritratti a fol. 28 huma l-landed li kellu fil-karozza l-imputat.

Il-landed qehdin fl-istorage sallum.

Jikkonferma li kien ghamel dikjarazzjoni id-depot fol. 33-35. Jaghraf il-firma tieghu.

---

[18] Fol. 90
[19] Fol. 91

Apparti din id-dikjarazzjoni Ray Bajada kien ghamel rapport u jikkonferma l-firma tieghu a fol.18-20 tal-process.

**Elton Debattista** xehed fis-seduta tal-3 ta' Mejju, 2017, xogholu mal-Kumpanija Malta Transport kien ta' Health Safety and Risk Manager fil-Head Office. Ilu sentejn mhux impjegat mal-Kumpanija Malta Public Transport.

Ma jaghrafx l-imputat, qatt ma rah.

Kien involut fil-proceduri ta' dixxiplina. Ma kienx involut direttament fil-kaz. Kien raha xi rapporti, jitrattaw xi serq ta' zejt.

Mill-memorja l-imputat kien tkecca fuq dan il-kaz. "U fil-fatt niftakar ukoll il-proceduri kienu jghidu, ghax ktibthom jien ukoll, li fejn jidhol theft, jekk ikun pruvat ovvjament, kien kaz ta' dismissal immediate."

Ma kienx parti mill-bord.

**Joseph Zerafa** xehed fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2017. Kien jahdem ma' Transport Malta. ir-rwol tieghu kien li jordna z-zejt barra affarijiet ohra, fuel u affarijiet ohra. "U nara li jkun hemm konsenja adegwata li ma jigux nieqsa bil-lejl meta jigu biex jittopjaw il-buses."[20]

Pros: Fuq il-kaz li qeghedin hawn illum, taf xi haga fuqu?

Xhud: Jiena gibt rekord hawnhekk ta' fit-two thousand and fourteen (2014), minn Jannar sa Dicembru, xi drummi ordnajna, u ghandi l-lista u nista' nipprezentaha. Issa jiena gieli kont ninnota li qed ikun hemm mhux hela, uzu ta' zejt above normal, u dejjem kont nigbed l-attenzjoni tad-

[20] Fol. 106

Depot Manager. Il-ghaliex anke' skont ic-chart, gieli per ezempju f' xahar gieli gibna ghaxar (10) drummi ghall-paragun ta' sitta (6) f' xahar iehor. Jew per ezempju gibna hdax (11)  a paragun sebgha (7) ix-xahar ta' wara."[21]

Qed jipprezenta l-ircevuti.

Qorti: Iva, jiena li ridt inkun naf, kemm hu l-prezz ta' hamsin (50) litru zejt?

Xhud: Jiena hawnhekk ghandi bit-3 twenty five (3.25) il-litre. Jigifieri ta' tank.

Qorti: u dana liema sena kien dak il-prezz?

Xhud: Fit-two thousand and fourteen (2014)."[22]

Lil imputat jafu. Fuq il-kaz tieghu peress li l-imputat kien jahdem bil-lejl u x-xhud filghodu, kien just jigbed l-attenzjoni meta kien jara li kien hemm diskrepanza fl-ammonti. (ara fol. 111 u 112).

Anthony Compagno xehed fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2023. Jixhed li kien xoghol ta' bil-lejl mal-Arriva fis-saghtejn ta' filghodu jnaddaf it-trakkijiet u jipparjkahom u cempillu l-manager biex imur ikellmu. Il-manager qallu biex ilesti x-xoghol u jigi u saru xi l-erbgha sa meta lesta. Qallu "jien qalli ghandek 2 laned zejt fil-karozza qalli dawk x' inhuma issa jien karozza zghira Maruti ghandi ghedtlu ma nafx bihom dawk jiena qalli issuspendut ghedtlu le qabel ma nkun issuspendut cempel lil pulizija issa ghax hemmhekk kullimkien cameras fejn hemm il-karozza tieghi kullimkien cameras ghedtlu u nixghelu l-cameras jiena u sejjer kien hemm wiehed George li qal ghax wara sirt naf li qal rani naghbbi z-zejt jiena

[21] Fol. 107

[22] Fol. 107

ghedtlu George ixeghel il-cameras qalli mela jien naf fejn huma l-cameras issa dan ikun maghhom dejjem dan beda jidhaq igifieri issuspendieni u l-Pulizija alla jbierek meta tisraq meta tisraq iggib il-Pulizija mhux wara 3 xhur u mort nitlob jien ghalihom"

Il-Pulzija dahlu wara tlett xhur ghax kellem lil Union biex idahhlu lil pulizija.

Fuq il-post hemm xi hamsin camera.

"Avu: Sur Compagno igifieri inti dawn haddthom jew ma haddthomx?

Xhud: Le ma missejthomx b' idi anki harguhom mill-karozza huma stess xejn ma missejt huma haguhom jien ma missejt xejn."

In kontro-ezami jghid li r-rapport hu ghamlu mal-Union u l-Union geghelet lil Pulizija biex jidhlu fiha din il-bicca xoghol ghax huma ma dahluhomx l-Arriva.

Incident sehh 7th September, ittra data 6th October u ircevuha 15th October

Pros: U inti malli qallek hemmzewg landed x' kienet ir-reazzjoni tieghek x' ghamilt?

Xhud: Ghedtlu l-ewwel nett hammigtuli s-seat ghax is-seats kollha carcir biz-zejt ghax dawn mhux landed godda dawn landed kbar hekk tal-linja jaghtu lill tal-linja hamguli s-seat kollu carcir u aqqas biss meesjethom b' idi jien kollox huma hadu anki harguhom qalli nehhiehom

minn hemm Raymond ghedtlu le jien marridx immisshom jien harguhom huma u haduhom ma nafx fejn haduhom.”

Il-karozza kienet miftuha. Jipparkja fejn isib.

Hemm hekk kollu security bis-securities iduru u biex tohrog bis-security kellhom dik li tinzel.

Il-landed kienu fuq is-seat. Il-karozza kellha boot zghira Maruti. Il-landed li wadbulu ma joqghodux fil-boot.

Pros: Igifieri meta George Baldacchino xehed hawn hekk quddiem dil-Qorti u rak taghbbi xi landed gol-karozza tieghek dak mhux vera qed jigdeb?

Xhud: u zgur li qed jigdeb u ghalija jien ha gurament falz meta telgha hawenkk u qal li raha lili qed naghbbi z-zejt ha gurament falz.”

Il-landed kienu gholjin 2 piedi u mimlija zejt. Triq tkun b’ sahtek biex iggorhom.

Avu: Igifieri biex iggibhom sal-karozza xi trid taghmel ghandek battikata biex tohodhom?

Xhud: u zgur li battikata biex tohodhom ghax tqal hafna filfatt min ghabbihom gol-karozza hekk beda miexi bihom minhadhom hdejn l-ufficju.

Pros: U int fejn taf?

Xhud: Kont qieghed hdejh, kont hdejhom.”

Pros:

Tistrieh fuq ix-xhieda ta' George Baldacchino

Difiza

Ma ngabitx l-ahajr prova.

ix-xhud partikolari qed jigi kontradett mhux biss mix-xhieda tal-klijent taghna imma ukoll bil-fatti u anki' mill-aspett cirkostanzjali ghall-izjed f' dan il-kaz igifieri x' ghamel u ma ghamilx u kemm agixxa malajr f' dal kaz partikolari.

jekk inti secutity qed tara verament lil xi hadd li ghandek taghmel hu li tmur u twaqqfu bhala security mhux thallih ghaddej thalli z-zmien ghaddej fil-kaz tal-klijent thallieh jahdem;

il-verzjoni tal-imputat hija aktar kredibbli

i. L-piz tat-tankijiet.
ii. Il-hmieg gifieri xi hadd li caqlaq it-tankijiet minn post ghall-iehor b' tankijiet iqattru possibli hadd ma innota fuq il-qmis tieghu.
iii. L-imputat ghandu n-nuccali.

Ikkunsidrat

(i) l-imputat huwa akkuzat talli Billi int akkuzat talli nhar is-06 ta' Settembru, 2014, ghal habta ta' 03:30 hrs mill-fond maghruf bhala "Fuel Depot" li jinstab sitwat gewwa Furjana ikkommettejt serq ta' 50 litru zejt tal-magni, liema serq huwa kwalifikat ***bil-hin u bil-valur*** li ma' jeccediex is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u disghin centezmu (€ 232.92c) u ghad-dannu ta' Malta Public Transport u/jew persuni ohra;

(ii) Talli f' dawn il-gzejjer xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk

> dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b' kull mod li jkun indhalt biex tbiegh jew tmexxihom.

Skont l-akkuza l-kaz sehh fis-6 ta' Settembru, 2014 gewwa l-Fuel Depot l-Floriana. L-imputat kien impjegat ta' Transport Malta u x-xogholu kien cleaner u releiver ghal impjegat iehor biex jaghmel top ups fil-karozzi tal-linja.

George Baldacchino, secuity guard night shift kien irrapporta li raha lil imputat jaghbbi minn truck ghal gol-karozza tieghu, Maruti ta' lewn ahdar xi affarijiet. Mar irrapporta lis-superjuri tieghu, li cemplu lil imputat li kien qed jahdem go sezzjoni ohra tad-depot u wara li spicca dak li kien qed jaghmel mar hdejhom sabiex jiftah il-karozza. Irrizulta li fil-karozza gewwa zewgt garbage bags suwed kien hemm zewgt jerry cans (mhux tal-kumpanija) mimljin zejt. Il-jerry cans kienu ta' 25 il-litru l-wiehed.

Kien biss permezz ta' ittra datata 6 ta' Ottubru, 2014 li waslet ghand il-Pulizija fil-15 ta' Ottubru, 2014 li gie rapportat l-akkadut.

Minn naha tieghu l-imputat dejjem cahad l-akkuza, ikkopera kemm mal-employer kif ukoll mal-Pulizija u kien consistenti fix-xhieda tieghu. Peress li l-post fejn kien hemm il-karozza kien imdawwal u kien hemm ukoll diversi cameras tas-sigurta huwa talab li jsir ezami tal-filmati. L-imputat jixhed li s-security guard li rrizulta li kien dak li ghamel ir-rapport kontra tieghu kien qallu li ma jafx ihaddimhom u meta wara li gie rapportat il-kaz il-Pulzija talbu ghal filmati dawn **PS 90 Jeffrey Gerada** xehed fis-seduta tal-22 ta' Marzu, 2017 li peress li waqt l-investigazzjoni kienu ssemmew xi cameras mill-imputat, ix-xhud kien mar fuq il-post u talab biex dawn jigu iccekjati. Fejn kienet ipparkjata l-cameras ma kienux jaqbdu l-vettura.

L-imputat fiex xhieda tieghu qal li kien hu li nsista mal-Union sabiex jsiru l-investigazzjonijiet mal-Pulzija.

Fl-istatement tieghu l-imputat meta gie mistoqsi jekk kellux glied jew inkwiet ma George Baldacchino jirrispondi mhux glied kbir li dahhlu l-pulziija imma speci ta' argument fuq il-politika. U Raymond u Joseph l-istess fuq il-politika dejjem jghid li jara l-hmieg se jirraportana u jkecciena.

Kien lest li jaghti l-fingerprints volontarjament.

**Ikkunsidrat**

Sabiex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Issir referenza ukoll ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[23] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[24].

---

[23] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[24] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[25], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat ukoll li l-Prosekuzzjoni hija marbuta li ggib l-aqwa prova.

Il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-allegat reat gie rapportat lil Pulizija aktar minn xahar wara l-incident. il-Qorti qed temmen lil imputat, li kien konsistenti li huwa ried idahhal il-Pulzija, l-impjieg tieghu gie terminat b' mod immedjat, huwa talab ghal footage, kien ipparkjat f' post imdawwal, kien qed isuq karozza gdida u kien hemm il-cameras tas-sigurta'. Bir-rispett irid jigi rilevat li meta l-pulzija talbet ghal footage tal-cameras kien tard wisq.  L-anqas ma ttiehdu fingerprints, li l-imputat stess iddikjara li lest li jaghti meta gie mistoqsi mill-Pulizija. Il-post kien bis-security officers jduru, u bis-security officers mal-gate dejjem kif xehed l-imputat li ma giex ikkontestat minn naha l-ohra.

[25] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

l-unika xhud huwa George Baldacchino, li xehed li

"Xhud: Dahhalhom ghax resaq mal-karozza tieghu. Dahhalhom fil-karozza tieghu.

Qorti: Inti dak il-hin kellimtu?

Xhud: Le, ma stajtx ghax jien kont ftit il-boghod u kont mohhi nittawwal ghal isfel biex nara l-buses."[26]

Ix-xhud irid jiddeciedi jekk kienx qed ihares lejh bir-reqqa jew inkella kienx qed jikkoncentra ihares l-isfel biex jara l-buses. Hija ukoll mhux cara ghaliex kien hemm riluttanza biex wiehed jara l-cameras tas-sigurta' u jippreserva dak li kien hemm a tempo vergine. Il-Qorti ma ghandiex certezza li verament il-cameras ma kienux jaqbdu, l-aqwa prova ma tifformax parti mill-process.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi f' dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni din ma gietx ipprovata sal grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minnha.

Illi f' dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni jinghad ukoll din ma gietx ipprovata sal grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minnha.

---

[26] Fol. 79

**Decide**

Ghaldaqstant ma issibx lil Anthony Compagno hat ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u qieghda tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**